MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1940/2003

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Simon u Ruth konjugi Pisani**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm221.08c (mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 250654.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata fid-19 ta’ Mejju, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet il-kawza b’riserva ghall-kap ta’ l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu ghall-ispejjez li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------